

# Il-Knisja ta' Santu Kristu u ż-Żejtun

**Kitba tal-Perit Ruben Abela**
*President ta' Wirt iż-Żejtun*

Il-Knisja tar-Redentur jew kif inhi magħrufa bħala ta' Santu Kristu, tinsab fi Triq il-Belt Valletta, li tgħaqqad l-inħawi tal-Barrani u tal-Ħotba, fil-konfini taż-Żejtun, ma' Misraħ Santu Rokku, fiċ-ċentru ta' Ħal Għaxaq. Il-knisja hija mibnija fl-ogħla parti ta' Ħal Għaxaq, preċiżament fuq promontorju li qiegħed 65 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar.

L-istorja ta' din il-knisja bdiet b'xewqa li nibtet lil ċertu Mikelanġ Zammit minn Ħal Għaxaq biex jibni niċċa lir-Redentur, dan wara prietka li sema' dwar il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Din ix-xewqa kienet birditlu sakemm kellu inċident f'dawk l-inħawi meta sfrattalu ż-żiemel u waqa' minn fuq il-kaless mingħajr ma ndarab. Huwa kkummissjona lil Mastru Giuseppe Barbara minn Ħal Għaxaq biex jibni n-niċċa u lill-iskultur Pietro Paolo Azzopardi biex jaħdem l-istatwa tar-Redentur. Din tqiegħdet fin-niċċa fl-1808 u mill-ewwel bdiet tiġbed ċertu devozzjoni lejha.

Kien Dun Ġużepp Demicoli, saċerdot minn Ħal Għaxaq li ħaseb sabiex minflok in-niċċa jibni knisja u dlonk bdew deħlin l-għotjiet biex dan il-proġett isir. Id-disinn tal-knisja sar minn Mastru Francesco Carabott miż-Żejtun u l-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fis-17 t'Ottubru tal-1852 u l-bini tal-knisja tlesta sa seba' snin wara meta fil-25 ta' Settembru tal-1859 saret l-ewwel quddiesa fiha. L-istatwa tar-Redentur li qabel kienet fin-niċċa, tqiegħdet fuq l-artal flok il-pittura titulari. Fl-istess knisja hemm ukoll statwa tad-Duluri u oħra ta' San Ġwann.



*Dettall tal-faċċata tal-Knisja ta' Santu Kristu*





*Similaritajiet bejn il-kampnar tal-Knisja taż-Żejtun u dak tal-kappella ta' Santu Kristu*

Il-knisja hija mibnija fuq stil Barokk, biċ-ċentru tal-faċċata rtirata ftit lura f'forma konkava u bil-kampnari fit-truf tal-faċċata jisporġu ftit 'il barra u jistrieħu fuq pilastri bl-għoli sħiħ tal-faċċata fuq l-ordni stil Korintu. Fuq ġewwa l-knisja għandha għamla rettangulari b'apside fit-tarf fejn hemm l-artal prinċipali u kollox imsaqqaf b'koppla ċentrali. Ġewwa ntuża l-ordni Tuskan.

Diġà rajna kif din il-knisja tfasslet minn Mastru Żejtuni, iżda din mhix l-unika rabta li għandha din il-knisja maż-Żejtun. Barra l-fatt li l-knisja, bħall-knejjes parrokkjali ta' Ħal Għaxaq u ta' Ħal Tarxien, inbniet tħares lejn il-knisja parrokkjali taż-Żejtun, jew kif aħna ż-Żwieten nirreferu għaliha bħala l-Katidral tal-Lvant, hemm dettalji arkitettoniċi li jorbtuha wkoll maż-Żejtun. Jekk inħarsu sew lejn il-kampnari, speċjalment meta wieħed josservahom mill-bogħod, jara xebh straordinarju fil-proporzjonijiet u l-istil użati mal-kampnari tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Il-proporzjon bejn l-arkati u l-pilastri tal-kampnari jaqblu perfettament ma' dawk taż-Żejtun, hekk



L-Istatwa tad-Duluri, xogħol Xandru Farrugia li tinsab fil-Kappella ta' Santu Kristu

ukoll il-proporzjon bejn il-parti t'isfel tal-kampnar u l-piramida ta' fuq. Id-disinn tal-piramida huwa kopja perfetta ta' dawk li hemm fuq il-kampnari taż-Żejtun, iżda l-gastri li hemm fuq il-kantunieri, bħala proporzjon huma ferm iżgħar minn dawk taż-Żejtun.

Rabta oħra maż-Żejtun f'din il-knisja, hija l-istatwa tad-Duluri. Skont dak li jingħad f'Ħal Tarxien, il-figura tal-Madonna, fl-istatwa tal-Lunzjata mhix l-ewwel verżjoni li kien ħadem l-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia. Jingħad li Xandru kien ħadem figura oħra tal-Madonna li ma kinitx niżlet tajjeb mat-Tarxiniżi għaliex kienet inklinata lejn ix-xellug, 'il bogħod mill-Anġlu Gabrijel. Dawn l-għidut komplew jissaħħu wara li sar xogħol ta' restawr fuq l-istawta tad-Duluri, mill-mibki skultur Tarxiniż Renzo Gauci, li waqt ix-xogħol li għamel, sab li l-ġebel li hemm taħt din l-istatwa żdied wara.

Illum din il-knisja m'għadhiex tinfetaħ daqs kemm kienet fil-passat, u d-dar żgħira li hemm warajha u li kienet isservi bħala kunvent għas-sorijiet Franġiskani u li kienu jieħdu ħsieb l-istess knisja, hija battala. Il-ħsarat fil-ġebla ta' din il-knisja huma wkoll evidenti. Għalhekk kienet aħbar pożittiva li t-talba tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq biex din il-knisja tiġi rrestawrata ġiet milqugħa u matul ix-xhur li ġejjin, id-Direttorat tar-Restawr se jkun qed jagħmel dan ix-xogħol tant meħtieġ biex dan il-wirt li ħallewlna missirijietna, ikompli jitgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.



Il-Kappella ta' Santu Kristu